**Int ħlewwa tal-imħabba**

Wara erba' u għoxrin siegħa
Minn dħulek f'dar is-smewwiet,
F'qalbi u f'moħħi xbihietek
Imsammra b'ħafna ħlewwiet.

Niftakrek għall-ewwel darba
Rajtek fis-sala ta' fuq,
Kont f'kamra fil-paċi waħdek
Biex tibqa' is-sliem idduq.

Kemm niftakarha t-tbissima
Ħierġa ħelwa minn għajnejk,
Imsieħba ma' leħnek ħelu
Li kien jgħaxxaq sbieħ ħaddejk.

U dik imġiebtek hekk ħelwa
Edukata issemmix,
Biha kont bil-wisq tilqagħni
Għalija balzmu, tgħidlix.

Kont inkellmek u inqarbnek
Nitlob miegħek w ma żewġek,
F'dak is-skiet hekk familjari
Fejn taħfer lil min weġġgħek.

Għadni ngħożż it-tħeġġiġ tiegħek:
"Ibqa' hekk! La tinbdilx!
Hekk għandhom bżonn il-pazjenti
Min iħobbhom". X'ma nemminx!

Li int għalija kont anġlu
Li ressaqtni lejn Ġesù,
U ma' żewġek, l-għażiż tiegħek
Għentuni nħobb il-virtù.

Għallimtni nħobb l-attitudni
Ferm sabiħa ta' nies kbir,
li bil-wisq tiddistingwihom
minn dawk li għadhom bħat-tfal.

Hi l-virtù li saret rari
Tal-isbaħ, l-aqwa ħlewwa,
Li toħroġ tiddi mis-sema
Ħa tfarraġna fid-dnewwa.

Dil-virtù fik sabet darha
Minnek għamlet bosta ġid,

Ibda minna, il-ħaddiema
Saħħitna wisq fit-tiġrib.

Kelli l-grazzja niekol miegħek
Avolja kont batuta,
Kemm ħadt gost li rajtni niekol
Dik il-famuża ħuta.

Addijo l-pizza, kif taret,
Qgħadt għall-mejda ma' żewġek,
Irrakkuntajna l-istejjer
Waqt li qsamt miegħi ħwejġek.

It-tlieta l-aħna kemm fraħna
Ħassejna li għadna tfal,
Għax dak li tagħmel l-imħabba
Taqsam kollox, anki l-fdal.

Għadda l-ħin u s-saru s-sagħtejn
Il-Patri dabbar rasu,
Għax jispiċċa ma jistrieħx
Fix-xogħol bih imur nagħsu.

Gerrbu x-xhur, il-ġimgħat w il-jiem
Sakemm temmejt ġirjietek,
Għemilek li ħallejtilna
Iżejjen tifkirietek.

Minn hemm fuq inti tissokta
Tħares lil żewġek w l'ibnek,
U ma' Ġesù u Marija
Barkiet joħorġu minnek.

Marija, int tassew għożża
Tereża, kemm ixxabba,
B'talbek mis-sema għalina
Int ħlewwa tal-imħabba.

Patri Mario Attard OFM Cap
28 ta' Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.